# il-Gżejjer

IS-SEBA' SENA | LULJU 1978 | NRU. 83



# MERĦBA KBIRA LIL GADDAFI

Fuq stedina tal-President tar-Republika, Dr Anton Buttigieg u tal-Prim Ministru, s-Sur Dom Mintoff, il-Mexxej tar-Rivoluzzjoni ta' l-Ewwel ta' Settembru u Segretarju Ġenerali tal-Poplu tal-Ġamahirija Għarbija Libjana, Popolari u Soċjalista, il-Kurunell Mu'Ammar Gaddafi għamel żjara uffiċjali f'Malta bejn l-1 ta' Lulju u t-3 ta' Lulju 1978. Il-Kurunell Gaddafi mexxa delegazzjoni Għarbija Libjana għal taħditiet mal-Prim Ministru u delegazzjoni tal-Gvern Malti. Huwa ltaqa' wkoll mal-President tar-Repubblika.

Waqt iż-żjara qasira tiegħu l-Kurunell Gaddafi ngħata merħba kbira mill-poplu Malti. Huwa sab il-ħin ukoll biex iżur Għawdex u jpoġġi l-ewwel ġebla ta' ċentru Iżlamiku f'Kordin. Il-Mexxej Libjan tkellem ukoll waqt meeting pubbliku li sar f'Birżebbuġa.

Ritratt: Il-Kurunell Gaddafi u l-Prim Ministru is-Sur Dom Mintoff ixejru lill-folla li nġabret f'Kastilja wara laqgħa bejniethom. Jidhru wkoll il-Ministri Lorry Sant, Joseph Cassar u Danny Cremona flimkien ma' uffiċjali oħra.



*Il-Ministru Moran u Dr A. Galea, is-sinjuri tagħhom, uffiċjali u mpjegati waqt iċ-ċerimonja tal-ftuħ.*

# "HALF WAY HOUSES" F'MALTA

Dar kbira qrib l-Isptar Monte Carmeli f'Ħ'Attard, għadha kif inbidlet f'żewġ residenzi komdi bħala "Half way houses" (waħda għall-irġiel u l-oħra għan-nisa) għal dawk il-morda mentali li ma jkunux għadhom fiequ għal kollox mill-marda tagħhom. F'dawn il-"Half Way Houses" issa se jkunu jgħixu 20 mara u raġel.

Dawn id-djar ġew miftuħa uffiċjalment nhar l-Erbgħa, 28 ta' Ġunju mill-Ministru tas-Saħħa u ta' l-Ambjent Dr Ċensu Moran li kixef wkoll plakka li tfakkar din l-okkażjoni.

**Il-Ministru, f'diskors qasir li għamel, qal li dan il-proġett huwa wieħed rivoluzzjonarju u li se jħalli l-effett tiegħu fuq il-kura mentali f'Malta. Huwa qal li dan huwa proġett ieħor minn ħafna li qed iwettaq Gvern Soċjalista f'Malta.**

Il-Ministru Moran iżżiħajr lil Dr Abram Galea li mexxa x-xogħol li sar f'dawn id-djar u anke l-ħaddiema ta' l-Isptar li għamlu dan ix-xogħol.

F'dawn il-"Half Way Houses" se jkunu joqgħodu 11-il raġel u disa' nisa. Id-djar qegħdin barra mill-isptar u huma mgħammra differenti għal kollox minn swali ta' l-Isptar biex b'hekk il-marid li jkun qiegħed fihom ma jħossx is-sikkatura ta' ambjent ta' sptar mentali.

**Dan hu proġett ambizzjuż li l-Gvern rnexxielu jwettaq għax ħass li fl-Isptar Monte Carmeli kif wkoll barra, hemm nies li għalkemm morda mentalment, ma jkunx ta' ġid għalihom li jibqgħu jew jidħlu fl-Isptar bħala pazjenti. Dawn ikun ferm aħjar li jqattgħu xi żmien f'dar fejn il-pazjent ikollu kważi libertà sħiħa u wkoll fejn ikun jista' jerġa jsir kunfidenti fih innifsu biex jerġa' jieħu postu fil-kommunità bħala ħaddiem u wieħed mill-familja.**

Din id-dar hija biss il-bidu ta' proġett kbir li meta jitwettaq se jkun hemm aktar djar miftuħa għall-istess għan.

Preżenti għaċ-ċerimonja tal-ftuħ tad-djar "Half Way Houses" kien hemm is-Sinjura Moran, u s-Sinjura Galea; li lilhom ġew ippreżentati bukketti ta' fjuri bħala apprezzament għax-xogħol kbir li wettqu u li qed iwettqu flimkien ma' żwieġhom.

## FTEHIM DWAR "BAHHAR U SEWWI"

**Matul iż-żjara uffiċjali f'Malta tas-Segretarju Ġenerali tal-Ġamaħirija Għarbija Libjana, Popolari u Soċjalista, il-Kurunell Mu'Ammar Ġaddafi, Malta u l-Libja iffirmaw Protocol li fih sar qbil li titwaqqaf kumpanija "Joint Venture" sabiex tipprovdi servizz tekniku — "Baħħar u Sewwi".**

Il-Protocol ġie ffirmat nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju fil-Berġa ta' Kastilja mill-E. T. Mohammed Ali Tabu, Segretarju ta' l-Agrikoltura għall-Gvern Libjan, u mill-Onor. Wistin Abela, Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekommunikazzjonijiet f'isem il-Gvern Malti.

**Dan il-ftehim jipprovdi qabel kollox għat-twaqqif ta' ċentru għat-tiswija u l-manutenzjoni f'Malta sabiex isir xogħol fuq makni li jinġiebu Malta kif ukoll għall-ħolqien ta' "field-maintenance units" sabiex jagħmlu xogħol barra mill-pajjiż.**

**Preżenti wkoll għall-iffirmar ta' dan il-ftehim kien hemm l-Onor. Danny Cremona, Ministru ta' l-Industrija, Biedja u Sajd, is-Sur Valhmor Borg, direttur tal-Korporazzjoni ta' l-Iżvilupp u s-Sur Abdella El Barouni, iċ-chairman tal-"General Company for Farm Equipment and Agricultural Necessities" tal-Libja.**

## KUNGRESS INTERNAZZJONALI DWAR "XJENZA, TEKNOLOĠIJA U EKONOMIJA TA' L-ENERĠIJA MIX-XEMX".

**Nhar it-Tnejn, 19 ta' Ġunju, is-Sur Wistin Abela, Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet, wasal lura Malta mill-Italja fejn attenda l-Kungress Internazzjonali dwar "Xjenza. Teknoloġija u Ekonomija ta' l-Enerġija mix-Xemx". Mal-Ministru rritornaw Malta wkoll is-Sur L. Ciantar, Kap tat-Taqsima Elettrika ta' EneMalta, Dr Louis Saliba tal-Ministeru tas-Saħħa u l-Ambjent u s-Sur Joe Cassar, Segretarju Privat tal-Ministru.**

F'din il-Konferenza, li damet 4 ijiem, id-delegazzjoni Maltija ħadet parti attiva fid-diskussjonijiet dwar l-użu ta' l-enerġija solari u l-ħtieġa ta' ko-operazzjoni fl-użu ta' l-enerġija solari bejn il-pajjiżi tal-Mediterran.

Fil-ftuħ tal-Konferenza il-Ministru Wistin Abela tkellem fit-tul dwar dan u f'isem il-Gvern Malti ressaq proposta sabiex jitwaqqaf Ċentru Reġjonali għall-Użu Prattiku ta' l-Enerġija Solari u ta' enerġija oħra mhux konvenzjonali u li Malta toffri l-faċilitajiet biex dan iċ-ċentru jsir f'Malta.

Qabel irritorna Malta, l-Ministru Wistin Abela kellu diskussjonijiet siewja ma' Signor Antonino Pietro Gullotti, Ministru tat-Telekommunikazzjonijiet Taljan dwar ko-operazzjoni bejn Malta u l-Italja fil-qasam tat-Telekommunikazzjonijiet.

## MALTA SSIR MEMBRU TAL-KUNSILL GOVERNATTIV TA' L-I.L.O.

**Għal dawn l-aħħar tlettax-il sena, Malta kienet waħda mill-pajjiżi li jiffurmaw l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, magħrufa bħala l-ILO. Din is-sena, Malta ddeċidiet li tikkontesta għall-ewwel darba l-elezzjonijiet għal siġġu fuq il-Kunsill Governattiv ta' din il-Għaqda dinjija li tiġbor fiha 140 pajjiż.**

F'din l-elezzjoni, Malta ġiet eletta b'vot qawwi f'dan il-Kunsill (li għandu d-dover li jmexxi din l-Organizzazzjoni Dinjija) bħala Deputat membru għal dawn it-tliet snin li ġejjin.

Għalkemm pajjiż żgħir, Malta kisbet dan l-unur kbir fil-qasam internazzjonali tax-xogħol u ngħatat għarfien serju mill-maġġoranza assoluta tal-pajjiżi membri ta' din l-Organizzazzjoni fejn ġiet maħtura bħala rappreżentanta f'din l-ogħla istituzzjoni ta' din l-Għaqda.

**F'dawn l-aħħar xhur, il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, is-Sinjorina Agatha Barbara, ħadmet bla waqfien sabiex pajjiżna jieħu dan l-unur mistħoqq f'dan il-Kunsill Internazzjonali. Bil-ħidma tagħha, il-Ministru Barbara tat prova bil-fatti li Malta kapaċi tidħol għal deċiżjonijiet importanti fil-qasam internazzjonali tax-xogħol.**

Dan ix-xogħol siewi kompla b'success minn delegati tal-Gvern Malti, f'Ġinevra, jiġifieri mis-Sur Edmond Micallef, is-Segretarju ta' l-Establishments, is-Sur Frans Carbone, id-Direttur tax-Xogħol u Emigrazzjoni u s-Sur Evarist Saliba, id-delegat permanenti tal-Gvern Malti għall-Ġnus Magħquda f'Ġinevra.

# IS-SISTEMA METRIKA F'MALTA

# IL-LITRU

Matul is-sena li għaddiet, Malta qalbet għall-użu tal-kejl linejari bis-sistema metrika.

Matul din is-sena, ser jibda jintuża wkoll il-kejl ta' volum fuq din is-sistema internazzjonali ta' kejl.

Biex inkunu preċiżi, darba li nkunu għażilna kejl linejari, inkunu wkoll għażilna kejl ta' volum. Dan għaliex il-kejl tal-volum jiddipendi fih il-kejl tat-tul jew l-għoli.

Għalhekk fis-sistema metrika, il-volum għandu jitkejjel bil-metru kubu ($m^3$). Dan japplika wkoll għal kejl kubu ieħor; hekk jista' jkollna minn kilometru kubu ($km^3$) sa millimetru kubu ($mm^3$)). It-tifsira ta' dan il-kejl kubu jew ta' volum, hija dejjem l-istess: **inkunu qegħdin inkejlu l-volum ta' kaxxa li jkollha l-ġnub tagħha kollha ndaqs bil-kejl tagħhom muri.**

Hekk, ngħidu aħna, deċimetru kubu ($dm^3$) huwa l-volum ta' kaxxa bil-ġnub tagħha kollha ndaqs u kull wieħed minnhom twil deċimetru, jew għaxar ċentimetri.

Storikament, imma, meta nħoloq il-kejl metriku ġie iffissat il-kejl ta' volum jew kapaċità b'mod interessanti. **Wara li kien ġie mfassal il-metru u t-taqsim tiegħu, kien ġie deċiż li ċentimetru kubu ta' ilma pur kien se jkollu piż ta' gramm, u barra minn hekk, elf ċentimetru kubu ta' ilma pur (f'ċerta temperatura) kien se jiġi msejjaħ litru.**

B'hekk twieled il-litru, li għadu magħna sal-lum. Wieħed mill-ewwel jara li la litru huwa daqs 1 000 $cm^3$, allura huwa deċimetru kubu ($dm^3$). Dan għaliex deċimetru fih 10 cm u biex insibu kemm fih $dm^3$ irridu nagħmlu 10 cm × 10 cm × 10 cm li jiġu 1 000 $cm^3$, jew kif sejjaħnielu, litru. Infatti llum hemm tendenza, l-iżjed f'xogħol xjentifiku, li jintuża d-$dm^3$ bħala isem iktar korrett. Biss ta' min igħid ukoll li l-maġġoranza baqgħu jużaw il-litru.

Bħal kull kejl ieħor metriku, il-litru għandu s-soltu taqsim:

| | | |
|---|---|---|
| **kilolitru** | = | **1 000 litru** |
| **ettolitru** | = | **100 litru** |
| **dekalitru** | = | **10 litri** |
| **litru** | | |
| **deċilitru** | = | **0.1 litru** |
| **ċentilitru** | = | **0.01 litru** |
| **millilitru** | = | **0.001 litru** |

Minn dawn kollha, l-iktar li jintużaw huma l-istess litru u l-millilitru; l-oħrajn jintużaw inqas spiss u ma tantx niltaqgħu magħhom.

Ta' min isemmi diffikultà żgħira li wieħed jiltaqa' magħha meta jiġi biex iniżżel kejl bil-litri. Kif wieħed jistenna, flok li kull darba niktbu l-kelma sħiħa, nistgħu nużaw sempliċement l-ewwel ittra tal-kelma; biss ħafna drabi jkun hemm diffikultà fl-ittajpjar jew fl-istampar biex wieħed jagħraf bejn l-ittra 'l' u n-numru wieħed (1). F'dan il-każ wieħed irid joqgħod ftit attent — jew jikteb il-kelma litru sħiħa, jew inkella juża l-ittra 'l' b'mod distintiv. Ġeneralment, jintuża stil magħruf bħala korsiv għal din l-ittra — dan l-istil jixbah il-kitba normali bl-idejn u wieħed jista' juża l-ittra 'l' miktuba bl-idejn '*l*'. L-importanti hu li nkunu ċari u ma nħallux lok għall-iżbalji.

Bħal fil-kejl l-ieħor, l-aqwa li wieħed jidra kemm isarraf il-litru, jiġifieri wieħed irid jidra jaħseb mill-ewwel skond is-sistema metrika. Biex ngħinu lil dak l jkun, sejrin nagħtu hawnhekk xi eżempji ta' kejl komuni f'litri:

**landa żebgħa 'tal-gallun' — 5 litri**
**flixkun tal-ħalib — mal-570 ml**
**kikkra — 250 ml**
**magħrfa — 15 ml**
**kuċċarina — 5 ml.**

## DIPARTIMENT TAS-SERVIZZI SOĊJALI

# EMENDI FL-ATT TA' L-1956 DWAR IS-SIGURTA' NAZZJONALI

### DWAR DAK LI GĦANDU X'JAQSAM MA' KONTRIBUZZJONIJIET

1. Kull min jagħlaq il-65 sena, jaħdem jew ma jaħdimx, anke jekk għandu liċenzja għal negozju jew kummerċ, ma jħallasx iżjed kontribuzzjoni tas-Sigurtà Nazzjonali, b'seħħ mill-5 ta' Ġunju, 1978.

2. Irġiel li għandhom bejn il-61 u 65 sena, u nisa ta' bejn is-60 u 65 sena, jekk ma jaħdmux bi qligħ, jibqgħu ma jħallsux kontribuzzjoni bħal ma ġa kien ġie mħabbar f'April li għadda. B'seħħ mill-5 ta' Ġunju, 1978, jekk jaħdmu bi qligħ iżda l-qligħ tagħhom ma' jkunx aktar minn £M20 f'perijodu kontinwu ta' 4 ġimgħat jew £M65 f'perijodu kontinwu ta' 13-il ġimgħa, dawn ukoll ma jħallsux kontribuzzjoni għal dak il-perijodu.

### DWAR DAK LI GĦANDU X'JAQSAM MA' PENSJONIJIET

3. Ġie konfermat li dawk il-pensjonanti tas-Sigurtà Nazzjonali li jkollhom 'il fuq minn 65 sena, anke jekk ikollhom liċenzja għal negozju jew kummerċ jew jaħdmu bi qligħ u jaqilgħu kemm jaqilgħu, iżommu d-dritt għall-pensjoni.

4. Sabiex kulħadd jiġi trattat l-istess, pensjonanta mara taħt il-65 sena li jkollha f'isimha liċenzja għal negozju jew kummerċ, jew li żewġha għandu f'ismu liċenzja bħal din, titlef id-dritt għall-pensjoni l-istess bħal ma jitilfu raġel taħt il-65. Għall-istess raġuni, fejn il-liċenzja tgħajjat lil mara tal-pensjonant (jew lir-raġel tal-pensjonanta), ġiet kif ġiet u ġiet meta ġiet din il-liċenzja, jintilef id-dritt għall-pensjoni. Biss jekk ma jkunx hemm 'kommunjoni tal-akkwisti' bejniethom, il-pensjoni titħallas bir-rata ta' persuna waħedha. Dan kollu jseħħ b'effett mit-12 ta' Lulju, 1978.

5. Fejn pensjonant li jkollu fuq ismu liċenzja għal kummerċ jew negozju jdawwar din il-liċenzja fuq persuna oħra li tkun toqgħod fl-istess indirizz tiegħu, dan ma jitlifx id-dritt għal pensjoni sakemm dik il-persuna ma tkunx qed tgħix miegħu bħala familja waħda.

6. Dawk il-persuni bejn il-61 u 65 sena fil-każ ta' rġiel u bejn is-60 u 65 sena fil-każ ta' nisa, li qabel kienu jitilfu d-dritt għal pensjoni għal min jirtira jekk kienu jaqilgħu aktar minn £M2.50 fil-ġimgħa f'perijodu ta' 4 ġimgħat, issa ma jitilfux dan id-dritt kemm il-darba l-qligħ tagħhom ma jkunx aktar minn £M20 f'kull perijodu ta' 4 ġimgħat jew £M65 f'kull perijodu ta' 13-il ġimgħa.

Għaldaqstant, dawk il-persuni li issa minħabba l-bidla msemmija f'dan il-paragrafu jistgħu jikkwalifikaw għal pensjoni għal min jirtira, għandhom japplikaw lid-Direttur tas-Servizzi Soċjali (310 Triq ir-Repubblika, Il-Belt) kmieni kemm jista' jkun.

# inti u l-liġi

*Jiena proprjetarja ta' dar mikrija, din id-dar għandha 'garage' li qiegħed nużah jien. L-arja ta' din id-dar, tiegħi, Nista' nibni fuqha biex ikolli fejn noqgħod jien?*

Jiddependi. Din id-dar fiha taraġ għal fuq il-bejt? Jekk fiha, u l-kerrej għandu d-dritt li jitla' fuq il-bejt, inti ma tistax tiċħdu minn dan id-dritt għax skond il-liġi (artikolu 1636) is-sid m'għandux dritt ibiddel l-għamla tal-fond mikri. Pero' jekk fil-kuntratt tal-kiri inti irriżervajt id-dritt ta' l-arja, inti tkun tista' ttella fuq l-arja mill-'garage', basta li bil-bini l-ġdid ma tnaqqas lill-kerrej ebda dritt milli għandu.

* * *

*Minn żmien twil għandi f'idejja, b'kera, ħanut. Dan l-aħħar is-sid bgħatli ittra fejn avżani li jrid jgħolli l-kera. Din mhix ħaġa li għandha tiġi deċiża mill-Bord? Min għandu jġib il-Bord, jien, jew is-sid?*

Hemm differenza bejn il-kiri ta' dar ta' abitazzjoni u l-kiri ta' fond kummerċjali jew ħanut. Fil-kiri tad-djar, tant il-kerrej jista' jġib il-Bord biex iraħħas il-kera, kemm is-sid biex jgħolli. Imma fil-kiri ta' ħwienet, la darba l-kerrej ikun aċċetta li jħallas il-kera li jkun talbu s-sid, ma jistax jitlob lill-Bord biex iraħħas. U jekk is-sid jitlob lill-kerrej kera ogħla u l-kerrej jirrifjuta, allura s-sid ikun jista' jippreżenta rikors fil-Bord tal-kera fejn jitlob kera ogħla.

Differenza oħra li hemm bejn il-kiri tad-djar u l-kiri tal-ħwienet hi li l-Bord tal-kera, f'kawża fuq dar, jista' jħalli l-kera kif ikun, jew jgħollih, jew iraħħsu, waqt li f'kawża fuq ħanut, il-Bord jista' jħalli l-kera kif ikun jew jgħolli. Iraħħas ma jistax.

Fil-każ tiegħek, mela, inti tista' ma taċċettax l-għoli jew tasal fi ftehim mas-sid, jekk inti tara li l-ħanut jista' jġib kera akbar. Jekk ma taslux fi ftehm, is-sid ikun jista' jġiblek il-Bord.

* * *

*Il-ġenituri tiegħi joqgħodu f'dar li hi nofsha tagħhom, u jħallsu l-kera fuq in-nofs l-ieħor. Jien għadni ma żżewwiġtx, u għalhekk noqgħod magħhom. Il-ġenituri offrewli biex meta niżżewweġ nibqa' nabita magħhom. Peress li ħuti sabu oġġezzjoni għal dan l-arranġament, taħseb li tista' ssir xi ħaġa biex 'l quddiem ma jkunx hemm inkwiet?*

La l-ġenituri tiegħek huma proprjetarji tan-nofs, jistgħu iżommulek il-kera fuq dak in-nofs u jħallulek dejjem riċevuta. Kwantu għan-nofs l-ieħor, jekk int, flimkien ma martek, tkun għadek toqgħod fl-istess dar meta jmut it-tieni wieħed mill-ġenituri, skond l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza fuq it-Tiġdid tal-Kera tal-1963 (Kap 109) inti tkun il-kerrej il-ġdid, għax il-membru tal-familja tal-kerrej li jkun joqgħod miegħu fiż-żmien tal-mewt tiegħu hu, quddiem il-liġi, il-kerrej skond dan l-artikolu.

* * *

*Meta mietu l-ġenituri tiegħi, xi għoxrin sena ilu, jien kont baħri fuq vapur merkantili, u ma tantx tajt każ ta' dak li messni. Issa dan l-aħħar ittendejt li jien messni inqas mil-leġittma tiegħi. Nista' nfittex lil ħuti għal-leġittma?*

Le. L-ewwelnett għax la int aċċettajt il-wirt u ħadt sehemek, aċċettajt it-testment, u allura ma tistax tirrinunzja u tfittex il-leġittma; barra minn hekk, għaddew aktar minn għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni, u għalhekk ma tista' tagħmel xejn, skond l-artikolu 885 tal-Kodiċi Ċivili.

* * *

*Jiena noqgħod f'dar b'kera. Wieħed mill-ġirien qiegħed jibni u beda jiftaħ tieqa għal fuq il-bitħa tiegħi. Meta kellimtu qalli li jiena ma għandi ebda dritt, għax m'hix is-sid. X'nista' nagħmel?*

Int għandek l-obbligu li tavża lis-sid mill-aktar fis. Jekk ma tagħmilx hekk, is-sid ikun jista' jfittex għad-danni, għax l-artikolu 1854 igħid li, f'każijiet bħal dawn, il-kerrej hu obbligat jgħarraf lis-sid bla dewmien, *taħt piena tad-danni.*


**TAĦLIX ILMA**

***Uża l-ilma bil-għaqal***

***Aħsel bl-ilma tal-Bir***

***Jekk hemm xi vit iqattar***

***— irrappurtah!***

**Ċempel:**

| | |
|---|---|
| RAHAL ĠDID | 26781 |
| ĦAMRUN | 26115 |
| BIRKIRKARA | 42156 |
| GĦAWDEX | 76433 |

***Wara l-ħin tax-xogħol jew fil-Ħdud u l-Festi***

| | |
|---|---|
| MALTA | 21901 - 24142 - 28716 |
| GĦAWDEX | 76457 |

# IT-TEATRU RJAL

*It-Teatru Rjal kif kien meta nkitbet paġna glorjuża fl-istorja mużikali ta' pajjiżna.*



Minkejja li l-poplu Malti huwa poplu żgħir, dan għandu tradizzjoni kulturali li tieħdu ferm lura fiż-żmien speċjalment fil-kultura mużikali.

**Għalkemm l-ewwel teatru f'Malta nbena fl-1731 mill-Gran Mastru Manoel de Vilhena nsibu li mitt sena qabel, għall-ħabta ta' l-1631, f'Malta kienu diġà bdew jiġu ppreżentati spettakli mużikali fuq il-palk li dak iż-żmien kienu magħrufa bħala "Dramma per Musica". Dawn l-ispettakli kienu jiġu ppreżentati għal żmien il-Karnival u f'qasir żmien tant saru popolari fost il-Maltin li pajjiżna kien wieħed minn ta' l-ewwel fl-Ewropa li kellu it-teatru tiegħu.**

Fl-1860 wara li l-poplu Malti wera x-xewqa li jkollu teatru akbar, il-Gvernatur Sir John Gaspard le Marchant ta permess anzi kien hu li ta istruzzjoniijet lil Sir Adrian Dingli, li dak iż-żmien kien l-Avukat tal-Kuruna, sabiex jittieħdu l-ewwel passi għall-bini ta' teatru ġdid, li kellu jinbena fit-tarf ta' Triq Irjali li llum saret Triq ir-Repubblika.

Sena wara wasal Malta il-Perit Edward Middleton Barry bil-pjanta tat-teatru l-ġdid. Fil-pjanta tiegħu hu żied speċi ta' terrazzin fil-faċċata u taħtu saru xi ħwienet.

**Fl-aħħar wara ħafna taqtiegħ ta' qalb, it-teatru tlesta u fid-9 ta' Ottubru tal-1866 ġie inawgurat bl-opra "I Puritani' ta' V. Bellini.**

Minn hawnhekk bdiet paġna glorjuża fl-istorja mużikali ta' pajjiżna. F'qasir żmien f'Malta bdew jidhru uħud mill-aqwa artisti fil-qasam tal-lirika. Barra minn dan bdew jidhru wkoll xogħlijiet ta' surmastrijiet Maltin bħall "Cavalieri di Malta", "Agnese Visconti", u "Zorilla" ta' Anton Nani, "Amor Fatale" ta' P. Vassallo u "Ginevra di Monreale" ta' Bonavia. Minn dan wieħed jara kemm Malta minkejja iċ-ċokon tagħha dejjem kienet minn ta' quddiem fil-qasam kulturali.

Fl-1872, waqt il-prova ġenerali ta' l-opra ġdida "La Vergine del Castello" tas-surmast Sqalli G. Privitera, it-teatru safa' meqrud binnar. Wara sentejn it-Teatru Irjal reġa' nbena mill-ġdid, fuq pjanta li kienet tixbaħ dik ta' qabel u reġa' ġie inawgurat bl-opra "Aida" ta' G. Verdi.

Minħabba l-intress tal-poplu Malti lejn l-opra u l-kritika ħarxa li kienet teżisti dak iż-żmien, it-Teatru Irjal irnexxielu jiġbed lejh uħud mill-aqwa artisti ta' dak iż-żmien, bħal A. Pertile, L. Albanese, G. Simionato, G. Pederzini, G. Galeffi, C. Tagliabue u ħafna oħrajn. Ma naqsux ukoll li jiġu ppreżentati kunċerti u serati mtella' mill-Maltin b'artisti Maltin bħal N. Baldacchino, F. Gaea u G. Satariano.

Fis-7 ta' April ta' l-1942, waqt wieħed mill-attakki ta' l-għadu għal ħabta tas-6.30 p.m. it-Teatru Irjal safa milqut minn bomba li baqgħet nieżla dritt fil-'foyer'. Din id-data tibqa' tifkira kerha f'qalb dawk id-dilettanti tal-mużika għaliex f'dak il-jum pajjiżna tilef l-akbar monument lill-arti mużikali.

# BORMLA TIEHU N-NIFS

**AKTAR TOROQ ĠODDA**

Fil-programm tal-Gvern Soċjalista sabiex itejjeb l-infrastruttura tal-pajjiż, hemm maħsub il-kostruzzjoni ta' għadd ta' toroq ġodda, tajbin u sbieħ mal-pajjiż kollu. Bil-għajnuna tal-Missjoni Militari Taljana f'Malta, l-Gvern bena u qed jibni toroq prinċipali f'kull parti ta' Malta u Għawdex.





**Ritratti fuq u taħt: L-istess triq ġdida ta' Bormla kif tidher minn żewġ angoli differenti wara t-twaqqiegħ tal-Electrical Workshops bil-ħitan għoljin u sewdiena tagħhom.**

Mill-1973 'l hawn, in-nefqa totali fuq il-bini tat-toroq telgħet għal aktar minn £M6 miljuni. Dawn il-flus kollha ċertament huma investiment għaqli min-naħa tal-Gvern, għax kulħadd jaf li toroq ġodda, wesgħin u sbieħ igħinu ferm fl-ekonomija tal-pajjiż peress li jagħtu aċċess aktar u aħjar għall-fabbriki fl-oqsma Industrijali; jservu lill-pubbliku ġenerali, u, fl-aħħarnett jagħtu dehra aħjar lil Malta u Għawdex.

It-toroq ġodda fil-Marsa, is-Siġġiewi, Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ, Raħal Ġdid, Santa Venera, il-Kalkara, l-Imrieħel u Ħal Luqa biddlu litteralment id-dehra ġenerali ta' Malta.

**Bħalissa, l-Gvern għadu kemm ta bidu għal erba' proġetti kbar ta' toroq: fil-Belt Valletta, fil-Marsa, fl-Isla, u f'Bormla.**

Il-proġett tat-Triq ġdida f'Bormla jinsab fi stat avvanzat. Dan jinvolvi bini ta' triq ta' 600 metru b'wisgħa ta' 14-il metru.

**Dan il-proġett huwa maħsub li jipprovdi spazju u aċċess aħjar għax-xatt lir-residenti ta' dan il-lokal. Fl-istess ħin, il-proġett sejjer iservi wkoll bħala mezz ta' aċċess għall-inħawi fil-qrib tal-knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu fejn għad jista' jsir żvilupp jew użu ġdid tax-xatt li bħalissa qed jintuża mis-Servizzi Ingliżi; fejn hu normalment magħruf bħala "Garden Reach".**

Il-ħajt għoli ta' l-Electrical Workshops tat-Tarzna tneħħa u nbena ieħor baxx u aktar 'l ġewwa sabiex b'hekk titwessa ferm aktar it-triq.

Ix-xogħol kollu qed isir minn ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi bl-għajnuna tal-Missjoni Militari Taljana.

## *Proġett Kbir li Jsebbaħ ix-Xtut tat-Tlitt Ibliet*



**Kif kienet qabel . . . .**

**Il-vleġġa turi l-Electrical Workshops tat-Tarzna li twaqqgħu bħala parti mill-proġett kbir fix-Xatt ta' Bormla. Il-ħajt aktar baxx li jidher qabel dak li twaqqa' wkoll kien sar fuq ħidma tal-Gvern Soċjalista.**



**Kif inhi llum . . . .**

**Vleġġa oħra turi l-istess parti tal-proġett wara t-twaqqiegħ tal-Electrical Workshops u l-bini ta' ħajt aktar baxx fi triq wiesa' u moderna li se twassal għax-Xatt tal-Birgu.**

# SPORT

## IT-TIM TAL-FOOTBALL TAL-MINISTERU TAX-XOGĦLIJIET U SPORT IŻUR IĊ-ĊINA



*It-tim tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport flimkien ma' dak tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.*

**It-tim tal-football tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport wasal lura Malta nhar il-Ħamis 8 ta' Ġunju wara żjara ta' kważi tliet ġimgħat fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Matul din iż-żjara, it-tim lagħab sitt logħbiet, li minnhom rebaħ waħda, ġie 'draw' tlieta u tilef tnejn. B'kollox it-tim Malti skorja seba' goals u qala' għaxra. L-aħjar skorer għat-tim Malti matul t-tour kien George Xuereb bi tliet goals, filwaqt li Mario Monreal u Joe Xuereb qasmu bejniethom l-erba' goals l-oħra.**

## Ir-Riżultati kollha li kiseb it-tim tal-Ministeru kienu dawn:

**F'Nanking**
MWS XI vs Kangstu 3—3 (Skurjaw: Monreal, Joe Xuereb u George Xuereb)
MWS XI vs Fukien 1—1 (Skorja: Monreal)

**F'Hofei**
MWS XI vs Selezzjoni minn Anhwei Province 2—1
(Skurjaw: George Xuereb u Joe Xuereb)

**F'Shanghai**
MWS XI vs Selezzjoni minn Shangai 1—1 (Skorja: George Xuereb)

**F'Peking**
MWS XI vs Tienshin 0—1
MWS XI vs China Youths 0—3
(Ta' min jinnota li f'din l-aħħar logħba, it-tim Ċiniż kien jinkludi ħames players li kienu lagħbu f'Malta fi Frar li għadda)

Għas-sitt logħbiet li lagħab it-tim Malti l-attendenza globali kienet tlaħħaq madwar 140,000 spettatur.

# Inawgurata l-Kompetizzjoni Nazzjonali tal-Boċċi

**Nhar is-Sibt 8 ta' Lulju, fix-Xagħra tal-Furjana, il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant, inawgura t-tieni edizzjoni tal-Kompetizzjoni Nazzjonali tal-Boċċi, organizzata mill-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport u sponsorjata mid-ditta Combinatie.**

Wara s-suċċess kbir li nkiseb is-sena l-oħra meta din il-Kompetizzjoni ġiet introdotta għall-ewwel darba fuq skala nazzjonali, din is-sena l-Kompetizzjoni mistennija tkun suċċess akbar bin-numru ta' timijiet jiżdied minn 92 għal 97. Bħala novità għal din is-sena, dejjem biex il-Kompetizzjoni tkun aktar attraenti, il-logħob se jkun fuq bażi ta' 'home' u 'away' bit-timijiet jagħżlu minn qabel il-'home pitch' tagħhom.

L-attrazzjoni prinċipali fiċ-ċerimonja tal-ftuħ kienet logħba ta' esibizzjoni bejn żewġ selezzjonijiet mit-timijiet finalisti tas-sena l-oħra, jiġifieri Young & Old ta' Ħaż-Żabbar u l-Pietà Mexicans.

Sadanittant, nhar il-Ħamis, 29 ta' Ġunju, sar it-tlugħ tal-poloz tal-kompetizzjoni waqt laqgħa għall-captains tat-timijiet u għar-rappreżentanti tal-pitches, ingħataw dettalji wkoll dwar l-inawgurazzjoni tal-Kompetizzjoni.

*Il-Ministru Lorry Sant ikellem lill-folla miġbura għall-inawgurazzjoni tat-tieni edizzjoni tal-Kompetizzjoni Nazzjonali tal-Boċċi. Ħdejh jidher is-Sur Toni Pellegrini, President tal-Kumitat Organizzattiv.*



# NIBET INTERESS QAWWI KULTURALI

Minn Korrispondent

Il-Kultura ma tfissirx biss li wieħed isir iħobb xi biċċa mużika klassika. Il-kultura fiha nfisha hija apprezzament ta' dak kollu li hu sabiħ u ġenwin. Hekk, l-imħabba tal-monumenti storiċi ta' pajjiżna, il-fdalijiet tal-qedem, it- tradizzjonijiet folkloristiċi, avvenimenti nazzjonali eċċ hija wkoll parti integrali minn dik il-ħaġa li nafuha bħala "kultura".

Li Malta għandha l-kultura tagħha u li din maż-żmien issuktat titrawwem u tikber ma hemm l-ebda dubju. Iżda nieqfu hawn. Kienet ħaġa li tweġġa' s-sentimenti ta' kull Malti li jara l-kultura tagħna ristretta f'rokna waħda tal-pajjiż, fejn il-ftit setgħu jduqu xi ftit il-benna tal-kultura Maltija filwaqt li l-maġġoranza tal-poplu kien jitħalla fil-ġenb jittama li xi darba jingħata ċ-ċans ukoll li jagħti sehmu fil-qasam kulturali ta' pajjiżu.

**Il-kultura f'Malta qatt ma kienet tressqet qrib il-poplu, x'aktarx minħabba preġudizzji soċjali jew idejat qarrieqa li jagħtu lil dak li jkun x'jifhem li l-kultura m'hix ħaġa li għandha tingħata lil kulħadd iżda lill-'magħżulin'. U min 'jagħżel' lill-magħżulin? Fl-imgħoddi ċ-'ċirku' kulturali tal-pajjiż kien minnu nnifsu u minn ġo fih stess jagħżel il-magħżulin filwaqt li l-poplu kien iħares mixtieq mill-bogħod.**

Fortunatament illum f'Malta bdiet tirrenja mentalità ġdida. Mentalità li tagħmilna poplu ferm aktar matur u mħejji biex jiffaċċja l-problemi tad-dinja moderna. Illum, grazzi għall-ħidma tal-Gvern preżenti, il-kultura m'għadhiex bħal xi ħaġa li tgerrex lill-klassi tal-ħaddiema f'Malta, għax din fehmet li dak li kien mistur minnha għal tant u tant snin issa tista' tgawdih ukoll mingħajr ma tħossha f'pożizzjoni li qed tingħata xi favur mingħand xi ħadd.

**Li twassal il-Kultura lill-Poplu hija ħidma meħtieġa kull żmien. Grazzi għall-inizjattiva ta' dan il-Gvern, illum m'għadx baqa' min irid, jew talanqas jipprova, joħloq xi ċirku ta' "Magħżulin". Il-Kultura saret xi ħaġa ta' kulħadd — fl-Irħula u fl-Ibliet, fis-swali u fil-pjazez fejn il-massa tista' wkoll tapprezza dak li hu sabiħ, kemm Malti kif ukoll dak barrani.**

Il-Ministeru tal-Kultura għen ferm fit-tixrid tal-kultura fost il-poplu kollu Malti permezz ta' sensiela ta' programmi madwar Malta u Għawdex, żjarat ta' xejra kulturali u konkorsi letterarji li kollha kemm huma kisbu suċċess u patronaġġ mill-poplu Malti.

Il-karattru kulturali Malti llum qiegħed jitrawwem u joħroġ qajl qajl fost il-poplu li wieġeb bil-qalb għas-sejħa li saritlu, minkejja li xi wħud bħal tnaffru u qalu li dak li kien "tagħhom" illum qed jinqasam mal-bqija (il-maġġoranza) tal-Maltin.

Dan il-karattru għandu jissokta jitqawwa u jissaħħaħ mal-milja taż-żmien filwaqt li pajjiżna jersaq aktar viċin lejn l-akbar jum fl-istorja tiegħu: meta jitlaq minn fostna l-aħħar suldat barrani fil-31 ta' Marzu, 1979. Malta ħielsa tassew tkun teħtieġ poplu aktar konxju u kburi bl-affarijiet tiegħu sabiex jagħmel ħiltu ħalli dawn ma jkunux mittiefsa jew imtabba' b'xi mod fis-snin li ġejjin.

Billi wieħed iħobb u jgħożż dak kollu li hu Malti ma jfissirx li se nintilfu f'xi nazzjonaliżmu ta' barra minn żmienu. Inkunu biss qegħdin nuru li ż-żerriegħa li nżergħet kibret f'xitla kulturali li tagħmlilna ġieħ bħala Maltin li kapaċi wkoll napprezzaw is-sabiħ ta' ħaddieħor billi naqsmu mal-ġnus l-oħra tad-dinja l-ġmiel tal-ħelsien u r-rispett lejn xulxin.

It-trawwim kulturali għalhekk ma jistax jitqies bħala xi ħaġa "ta' lussu" jew "għal min m'għandux x'jagħmel". Il-ħtieġa li jkollna poplu li jifhem u japprezza x'inhi kultura vera, **u mhux dik li jkun irid ibellagħlek ħaddieħor,** hija waħda kbira fiċ-ċirkustanzi storiċi ta' pajjiżna. Il-Kultura f'ħajjitna ma tistax titħalla fil-ġenb għal meta "jkollna ż-żmien" jew "għax din ma tgħoddx għalina". Bħala poplu ħieles politikament u fi ftit xhur ekonomikament, irridu nkunu wkoll ħielsa kulturalment billi l-ewwel intajru darba għal dejjem l-għanqbut ta' l-imgħoddi u l-preġudizzji żejda sabiex nersqu aktar lejn xulxin ħalli nwasslu lill-massa dak li ilha, għalxejn b'xejn, imċaħħda minnu. Ikun inutli li nintilfu fi gruppi nrewħu wieħed lil ieħor bejn erba' ħitan jekk il-poplu jibqa' għatxan jistenna barra. Il-Gvern beda u qed jurina t-triq liema għandha tkun. Huwa d-dmir ta' kull wieħed u waħda minna li nwieġbu bil-ħeġġa lejn it-tisħiħ tal-karattru Malti.

**Għalkemm għad baqa' ħafna x'isir biex naslu fi stat li jkollna poplu tabilħaqq kult u ħerqan biex isir jaf aktar dwar dak kollu li jikkonċerna l-kultura, it-triq li ninsabu fiha hija l-waħda tajba. L-aktar fost it-tfal ta' l-iskola u ż-żgħażagħ nibet interess qawwi kulturali, filwaqt li l-ġenerazzjonijiet ta' qabilhom qegħdin iduqu wkoll mill-benna kulturali ta' pajjiżna.**

## IL-MINISTRU MUSCAT IKELLEM GĦALLIEMA BARRANIN F'MALTA



*Il-Ministru Muscat ikellem lill-għalliema barranin. Jidhru wkoll Dr F. Chetcuti u s-Sur Rajab Hadi Dujaf.*

# IL-GVERN FEHEM IL-BŻONN TAT-TAGĦLIM TAL-LINGWA GĦARBIJA

**Nhar l-Erbgħa 7 ta' Ġunju, il-Ministru ta' l-Elukazzjoni, it-Tabib Philip Muscat, kellem lill-għalliema barranin li bħalissa qegħdin Malta biex jgħallmu l-Għarbi fl-iskejjel tal-Gvern.**

Il Ministru beda d-diskors tiegħu billi wera l-apprezzament tiegħu u dak tal-Gvern għax-xogħol li dawn l-għalliema qed jagħmlu għall-poplu Malti billi jgħinu fit-tagħlim ta' wliedu.

**Il-Gvern Malti fehem il-bżonn li jgħallem l-Għarbi, għax huwa jifhem l-importanza ta' din il-lingwa biex Malta tkun tista' sservi bħala pont bejn l-Ewropa u l-Afrika. Il-poplu fehem ukoll il-ħtieġa ta' dan it-tagħlim, tant li barra t-tagħlim tal-lingwa Għarbija fl-iskejjel, qed isiru wkoll korsijiet tal-lingwa Għarbija wara l-ħin tax-xogħol li għalihom qed jattendu numru kbir ta' nies.**

Min-naħa l-oħra, fl-iskejjel sekondarji, bħalissa madwar għaxart elef student qegħdin jieħdu t-tagħim ta' l-Għarbi. Dan in-numru jkompli jikber meta jibdew isiru l-lezzjonijiet ta' l-Għarbi fir-raba' u l-ħames klassi wkoll.

B'kollox f'Malta hawn 51 għalliem li ġejjin mil-Libja, l-Eġittu u l-Kuwajt. Dawn qegħdin jgħallmu f'37 skola f'Malta u Għawdex.

Il-Ministru ħabbar li qed isiru żewġ kotba tal-Għarbi apposta għat-tfal Maltin, biex b'hekk anke l-kotba jkunu aktar addadati għat-tfal tagħna. Dawn il-kotba mistennija jkunu lesti dal-waqt biex jintużaw fl-iskejjel is-sena skolastika li ġejja. F'dawn il-kotba, 90% tal-kliem użat jixbaħ ħafna l-kliem Malti. Ma' dawn se jitqassmu 'charts' kif ukoll 'syllabus' tal-lingwa li huwa miktub bl-Għarbi u l-Malti. Dan qed isir billi hija x-xewqa tal-Gvern li t-tagħlim ta' l-Għarbi jsir permezz tal-Malti.

**Huwa ħeġġeġ l-għalliema, biex waqt it-tagħlim tal-lingwa kemm jista' jkun idaħħlu wkoll xi ħaġa dwar l-istorja u d-drawwiet tal-pajjiż. Dan jgħin ħafna fil-ħbiberija u l-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi Għarab u Malta.**

Il-Ministru temm id-diskors tiegħu billi mill-ġdid irringrazzja lill-għalliema tax-xogħol fejjiedi li qed jagħmlu f'Malta.

Preżenti kien hemm ukoll id-Direttur ta' l-Edukazzjoni, Dr. F. Chetcuti, l-Assistent Direttur, is-Sur L. Farrugia, u s-Sur Rajab Hadi Dujaf, il-Counsellor tal-Lingwa Għarbija fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

**Il-parti ta' l-istorja antika ta' l-Isla hi meħuda mill-ktieb "Bliet u Rħula Maltin" — ta' Alfie Guillaumier**

# L-ISLA

Fis-26 ta' Ottubru, 1530, niżlu fix-xatt tal-Birgu l-ewwel xwieni tal-Kavalieri ta' l-Ordni li raddew ħajr 'l Alla fil-Knisja ta' San Lawrenz talli wassalhom bis-sliem minn Rodi. Huma baqgħu jgħammru fil-Birgu sakemm inbniet il-Belt Valletta.

Il-Gran Mastru l-Isle Adam li kien wera almu kbir fit-taqbid f'Rodi, kien iħobb il-kwiet u l-kaċċa.

Sewwa sew quddiem il-Birgu kien hemm peninżola (li llum hi l-Isla) li kienet magħrufa bħala l-Għolja ta' San Ġwann. L'Isle Adam bena hawn dar kbira u ħawwel bosta siġar taż-żebbuġ. Hu bena wkoll xi mtieħen tar-riħ.

Fil-1536 inħatar Gran Mastru ġdid Ġwanni D'Homedes. Sal-1540 l-art ta' l-Isla kienet għadha ftit ferm popolata bi ftit siġar, l-imtieħen li semmejna u kappella mibnija fl-1311 dedikata lil San Ġiljan. Hawn d'Homedes bena villa ta' kobor kbir mgħammra b'kollox saħansitra b'għadd ta' annimali li l-Gran Mastru kien jitpaxxa bihom.

Il-ħakma ta' d'Homedes xejn ma kienet eżemplari. F'Malta waqa' l-għaks u l-ġuħ. Il-Kavalieri u xi Maltin xlewħ bi tberbiq tal-flus u ħadulu kollox minn taħt idejh.



*Il-Maċina kif qed tiġi rranġata min-naħa tax-Xatt ta' l-Isla.*

Mal-mewt ta' Homedes laħaq Fra Claude de la Sengle, raġel għaqli. Fil-1554 La Sengle tefa' ħarstu biex tingħata bidu għall-belt ta' l-Isla. Kienet nieqsa mill-fortifikazzjonijiet għax ma kienx hemm daqsxejn ta' forti li kien jissejjaħ ta' San Mikiel.

Fuq pjanta ta' l-inġinier Pardo beda x-xogħol ta' l-egħluq tal-faċċata ta' fuq Kordin u mill-Forti San Mikiel sa quddiem Bormla. In-nies ta' l-irħula qrib kienu mġegħlin ukoll jaħdmu b'sistema magħrufa bħala "Newba", bħal ma llum insejħula "xift".

B'hekk f'qasir żmien La Sengle ra x-xewqa tiegħu tibda sseħħ u fl-1554 għaniha bit-titlu ta' Belt: "Città Senglea".

Fl-1557 sar Gran Mastru La Vallette. Dan kompla s-swar mal-forti biex hekk ikun għalaq il-faċċata kollha ta' quddiem dik it-telgħa li wara saret magħrufa bħala Bormla.

Sadanittant, taħt dan il-Gran Mastru, Malta ġarbet l-assedju aħrax ta' l-1565. Is-swar ta' l-Isla ma kienux għadhom lesti. Qabad jaħdem kulħadd. Mustafa' ħejja għat-taqbid kontra l-Isla wara li kien rebaħ Sant'Iermu. Daħal f'Bormla — amar li jinbnew trunċieri fuq Kordin bi 13-il kanun, oħra fuq il-Mandra bi 3; fuq Santa Margerita b'7 oħra, u fuq is-Salvatur waħda oħra bi 18. Mas-sebħ tal-5 ta' Lulju Mustafa fetaħ in-nar. Diviżjoni ta' Sfaħi mxiet kontra l-faċċata ta' l-Isla — u rebħuha. Qabel telqu, iżda, l-Maltin ġarrfu r-ravellini u t-Torok bdew jarmaw pont għal fuq dak il-foss, bl-arbli tax-xwieni.

### "Città Invicta"

L-aħħar assalt fuq l-Isla sar fis-7 ta' Settembru, lejliet jum it-Twelid tal-Madonna li tagħha n-nies ta' din il-belt kienu jagħmlu festa sabiħa u devota. Għall-almu tagħha, La Valette sejjaħ lill-Isla "Città Invicta" (Belt mhix mirbuħa). L-Isolani ġew ukoll maħfura ċ-ċens li kellhom fuq l-art tagħhom.

### Istituzzjonijiet u knejjes

Fl-Isla nsibu wkoll l-oratorju u l-knejjes ta' San Filippu Neri, il-Purifikazzjoni tal-Madonna, u l-isptar ta' Sant'Anna.



*Ix-xogħol għaddej fuq it-triq ġdida ta' l-Isla li se tagħti għax-xatt.*

# Aċċess Aħjar għax-Xatt ta' l-Isla

**Fil-ħidma kbira ta' żvilupp li tinsab għaddejja fl-aqwa tagħha fl-inħawi tal-Kottonera bħalissa, l-Isla wkoll tinsab fil-proġett immens biex jinfetaħ aċċess aħjar għax-xtut tat-Tlitt Ibliet (ara l-paġni tan-nofs).**

**Il-Gvern Soċjalista għadu kemm beda x-xogħol fuq triq ġdida li taqbad max-Xatt ta' l-Isla. Dan sabiex din il-Belt ukoll tkun milħuqa b'mod kif jitolbu l-ħtiġijiet moderni. Parti mill-Maċina, li saret fi żmien l-Ordni fl-1629, sejra tit-waqqa' u terġa' tinbena b'tali mod li tipprovdi spazju biżżejjed għall-karrozzi u vetturi oħra biex dawn ikunu jistgħu jaslu sax-xatt dirett minn Triq San Pawl.**

### Matul l-Aħħar Gwerra

Fil-gwerra li għaddiet, l-Isla ġiet mitluba terġa' tagħti sehemha. Fis-16 ta' Jannar, 1941 saret ħerba waħda. Kanun kbir li tar minn fuq l-Illustrious li kienet ankrata f'Kordin waqa' fuq id-dar 273, Triq iż-żewġ Bibien.

### L-Isla Llum

Illum l-Isla reġgħet inbniet mill-ġdid u ma' baqa' xejn x'juri dik il-ħerba kollha. Inbena bosta bini sabiħ u modern. għalkemm inqerdu għal dejjem dawk id-djar li darba kienu jżejjnu Triq ir-Rebħa.

Fl-1600 fl-Isla kien hemm 900 dar u 3,500 ruħ. Fl-1772 dan in-numru sar 5,539 u fl-1961 niżel għal 5,204.

Din il-ħarġa ta' art f'nofs il-Port il-Kbir, kellha bosta ismijiet matul is-snin. Insibuha msejħa bħala "L-Għolja ta' San Ġiljan" u "Isola" li tfisser gżira. Fil-fatt l-Isla hija taħsira tal-kelma "Isola".

L-arma tagħha hi fond isfar b'salib iswed immejjel f'nofsu, meħud mill-arma tal-Gran Mastru La Sengle, b'arzella f'kull kantuniera u waħda oħra fin-nofs. Il-motto tagħha hu — Qua Pugnavi Invicta Consido — (Fejn iġġelidt reb-bieħa qegħda).



*IL-BELT TA' L-ISLA MILL-AJRU*

**Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Stampat fl-U.Ċ.S. — Stamperija tal-Gvern**